# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis 8 ta' Ottubru, 2020**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 916/16 JRM**

Nawar Riad Magdy **TALAT**

vs

**AVUKAT ĠENERALI**, illum jissejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Ottubru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju, 2016, il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati naqas li jħares il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba għall-finijiet tal-artikolu 3(h) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta) fil-kawża li huwa ressaq quddiemu; (ii) tħassar u tannulla l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord; (iii) terġa' tibgħat l-atti tal-każ tiegħu lill-istess Bord sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu tal-kwestjoni; u (iv) f'każ li tiċħad l-ewwel tliet talbiet, issib li r-rikorrenti għandu jedd li jappella minn deċiżjoni li ċaħdet it-talba tiegħu għal applikazzjoni sussegwenti. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-17 ta' Ottubru, 2016[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' Novembru, 2016, li biha l-imħarrek laqa' għat-talbiet tal-attur billi, preliminarjament, qal li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għall-finijiet tal-artikolu 7(9) tal-Att dwar ir-Rifuġjati[2] billi d-deċiżjoni tal-Bord hija finali u konkluživa, u ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti; li l-azzjoni hija wkoll improponibli w irritwali taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva[3] billi r-rimedju mogħti f'dik il-liġi huwa reviżjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux b'kawża quddiem din il-Qorti. Fil-mertu, laqa' billi warrab l-ilmenti attriċi u qal li l-Bord ta' l-Appelli mexa skond il-liġi w id-deċiżjoni li wasal għaliha għandha tiġi konfermata;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2017[4], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm mill-avukat tal-attur, u qieset id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-imħarrek li biha stqarr li m'għandux provi xi jressaq u lanqas sottomissjonijiet x'jagħmel f'dan ir-rigward[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-ewwel u tieni eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta mill-mod kif il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'il-Bord') wasal għad-deċiżjoni li biha kkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati (minn issa msejjaħ 'il-Kummissarju') tal-10 t'Ottubru, 2015. Jixli lill-Bord li naqas li jħares il-prinċipji tal-mġiba amministrattiva tajba u l-obbligi proċedurali skond il-liġi amministrattiva li

[1] Paġġ. 30 sa 31 tal-proċess
[2] Att XX tal-2000 (Kap 420)
[3] Att V tal-2007 (Kap 490)
[4] Paġ. 40 tal-proċess
[5] Paġ. 41 tal-proċess

jorbtuh fl-eżami ta’ applikazzjonijiet għall-għoti ta’ *status* ta’ rifuġjat. Fil-każ tiegħu, l-attur jgħid li l-Bord naqas minn dan billi d-deċiżjoni mogħtija minnu ngħatat bla ma tat ir-raġunijiet taċ-ċaħda u hija nieqsa mill-grad ta’ motivazzjoni meħtieġ mil-liġi u r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-istess deċiżjoni ma humiex riflessi f’dik id-deċiżjoni. Jisħaq li dan sar bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Jitlob li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u li terġa’ tibgħat l-atti quddiemu ħalli jiddeċiedi kif għandu jkun dwar il-mertu tat-talba tiegħu. Kemm-il darba t-talba tiegħu ma tintlaqax, l-attur jitlob li l-Qorti tagħtih il-jedd jappella mid-deċiżjoni li ċaħdet it-talba sussegwenti tiegħu għar-rikonsiderazzjoni skond l-artikolu 7A tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi l-imħarrek laqa’, fost oħrajn, b’żewġ eċċezzjonijiet ta’ xejra preliminari u li dwar is-siwi tagħhom qiegħda tingħata din is-sentenza. Bihom l-Avukat tal-Istat jgħid li l-azzjoni miftuħa mill-attur hija rrita u nulla billi d-deċiżjoni tal-Bord hija finali u konklużiva u ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti. Bit-tieni eċċezzjoni jgħid ukoll li l-azzjoni ma setgħetx titressaq quddiem din il-Qorti u hija irritwali billi r-rimedju mogħti fil-liġi li tgħodd għall-każ huwa dak ta’ reviżjoni ta’ atti amministrattivi mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva u mhux kawża quddiem din il-Qorti;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa Eġizzjan, u ġie Malta fl-2014 wara li ħarab minn pajjiżu u mar il-Libja fi Frar tal-2011. L-attur jgħid li f’pajjiżu kien qed jiġi ppresegwitat minħabba twemminu (huwa jħaddan twemmin kristjan u jgħodd ruħu fil-Knisja Kopta). Flimkien ma’ martu, kellhom iħallu warajhom in-negozju li tant kienu ħadmu għalih fl-Eġittu u telqu lejn il-Libja. Fl-2013, minħabba l-instabbilità li kien hemm fil-Libja, mart l-attur u binhom waslu f’Malta, u hu ngħaqad magħhom f’Ġunju tas-sena ta’ wara. Sadattant, martu bdiet tmexxi f’Malta kumpannija mwaqqfa minnhom[6];

Illi f’Awwissu, 2015, l-attur ressaq talba quddiem il-Kummissjoni Refuġjati (minn issa imsejħa “il-Kummissjoni”) sabiex jingħata l-ażil. Fl-10 ta’ Ottubru, 2015[7], il-Kummissarju għarrfu li, wara li qies l-istqarrijiet tiegħu, wasal għall-fehma li ma kienx jikkwalifika għall-i*status* ta’ rifuġjat taħt il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 u għaldaqstant it-talba tiegħu kienet ser tiġi miċħuda;

Illi l-attur ressaq appell quddiem il-Bord flimkien ma’ bosta dokumenti b’sostenn għat-talbiet tiegħu[8];

[6] Dok. “B” f’paġġ. 9 sa 11 tal-proċess
[7] Dok. “A” f’paġġ 7 sa 9 tal-proċess
[8] Dok. “B” f’paġġ. 8 sa 26 tal-proċess

Illi fis-27 ta' Mejju, 2016[9], il-Bord għarraf lill-attur li l-appell tiegħu ma ntlaqax;

Illi fis-7 ta' Lulju, 2016, l-attur ressaq talba oħra lill-Kummissarju biex jerġa' jirrikonsidra l-każ tiegħu li jingħata protezzjoni, liema talba l-Kummissarju mill-ġdid ma laqax fis-27 ta' Awwissu, 2016[10];

Illi fit-12 ta' Ottubru, 2016, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tqis huma ta' xejra proċedurali, u kemm-il darba jiġu milqugħa, jew xi waħda minnhom, iwasslu fit-tmien il-proċeduri miġjuba quddiemha. **L-ewwel eċċezzjoni** li l-Qorti sejra tistħarreġ hija dik marbuta mal-irritwalità tal-azzjoni attriċi skond id-disposizzjoni tal-artikolu 7(9) ta' l-Att dwar ir-Rifuġjati;

Illi fi kliem l-imħarrek, l-artikolu 7(9) jagħmilha ċara li d-deċiżjoni tal-Bord hija *"waħda finali u konkluživa"* u ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti. Jgħid li l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola huma xiljiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, li ma humiex il-każ f'din il-kwestjoni, għaldaqstant il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ din l-azzjoni[11];

Illi min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li l-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ l-ilment tiegħu, u ma hemm xejn li jżommha milli tissindika jekk tali deċiżjoni tissodisfax il-prinċipji ta' ġustizzja naturali[12];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li filwaqt li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju setgħet tiġi appellata quddiem il-Bord[13], id-deċiżjoni tal-Bord, għajr għal kwestjonijiet ta' natural kostituzzjonali marbuta ma' allegat ksur ta' drittijiet funadamentali[14], fit-termini tal-Att, hija meqjusa bħala waħda konkluživa li minnha, bħala regola, ma jingħatax jedd ta' appell[15];

Illi l-Qorti tqis li meta jitqajmu kwestjonijiet tal-kompetenza tagħha li tisma' kawża, trid toqgħod b'seba' għajnejn biex la twarrab malajr is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u lanqas twettaq setgħat li l-liġi ma tagħtihiex;

Illi għandu jingħad li dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jistħarrġu l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju jew maħluq

[9] Dok. "Ċ" f'paġġ. 27 sa 28 tal-proċess
[10] Dok. "D" f'paġ. 29 tal-proċess
[11] Tweġiba Maħlufa f'paġ. 34 tal-proċess
[12] Trattazzjoni bil-fomm waqt is-smiegħ tas-6 ta' Diċembru, 2016
[13] Art. 7(1) u (2) tal-Att XX tal-2000
[14] Art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea
[15] Art. 7(9) tal-Att XX tal-2000

statutorjament[16]. Dan jingħad għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd mhu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-liġi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-liġi, huma l-Qrati li għandhom is-setgħa li jqisu l-ilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-każ[17];

Illi, minbarra kwestjonijiet li jmissu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mħarsin bil-Kostituzzjoni[18], il-ġurisdizzjoni li l-Qrati għandhom hija limitata għas-setgħa li jissindakaw il-ħidma u l-għamil tal-Bord biex jiżguraw li dan ma jkunx mar lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi li bis-saħħa tagħha ġie mwaqqaf u li taħtha jinsab regolat; biex jaraw li, tkun xi tkun il-proċedura li jkun segwa, jkun ħares li jsir ħaqq skond il-meriti sostantivi tal-każ miġjub quddiemu u dan b'ħarsien tar-regoli tal-ġustizzja naturali[19];

Illi jrid jingħad ukoll li biex il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tiġi disturbata, irid tabilfors jirriżulta lill-Qorti li qegħda tindaga l-operat tal-istess Bord li, fil-fatt, ikun seħħ xi ksur ta' mqar wieħed miż-żewġ oqsma ta' stħarriġ hawn fuq imsemmija[20];

Illi, minbarra dan, tali stħarriġ ma jistax iservi bħala eżerċizzju ta' appell biex jiftaħ mill-ġdid il-mertu tal-kontroversja maqtugħa mil-Bord[21], iżda hija waħda li ġiet imfissra bħala "funzjoni ta' kassazzjoni" dwar l-operat ta' dak l-istess Bord[22];

Illi minn dan kollu joħroġ li s-siwi tar-raġunament magħmul mil-Bord biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu ma jistax jiġi meqjus mill-Qrati fl-eżerċizzju tagħha ta' stħarriġ dwar l-operat tal-istess Bord, sakemm dak ir-raġunament ma jurix biċ-ċar li jkun qed jikser xi waħda mill-oqsma fuq imsemmija li fihom il-Qorti għandha s-setgħa li tindaga;

Illi l-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha tqieset mill-Qrati tagħna f'każijiet li jixbhu lil dan[23], u nstab li l-Qrati għandhom kull setgħa li jistħarrġu kif imiss deċiżjonijiet mogħtija mill-Bord fil-qies jew parametri ta' dak li għadu kemm intqal:"*Din il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-każistika kopjuża indikata fis-sentenza appellata, tosserva li l-attur għandu raġun fis-sottomissjoni tiegħu dwar l-effetti legali tal-Artikolu 7[9] fuq citat, għax, għalkemm dan jistipula li d-deċizjoni tal-Bord għandha titqies bħala finali u konkluživa, dan hu hekk inkwantu jirrigwarda d-deċizjoni fil-mertu li*

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Borġ D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et*** (mhix pubblikata)
[17] Ara P.A. GCD **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***
[18] Ara, per eżempju, P.A. **26.5.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Montalto vs Clews et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.688**)
[19] P.A. RCP **14.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Magri vs HSBC Bank Malta p.l.c.***
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***John Holland noe et vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[21] App. Ċiv. **17.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Grima*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.292**)
[22] App. Kumm. **25.3.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Fenech noe vs Albert Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[23] Ara, b'eżempju, App Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** ; App.Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et***

*jkun ta. Il-ligi trid li materja dwar ir-refuġjati li tiġi eżaminata u deċiza mill-Bord tkun finali fis-sens li ma tistax terga' tiġi eżaminata dwar il-mertu, iżda ma jfissirx li l-Bord mhux soggett għall-iskrutinju tal-qrati ordinarji fil-mod ta' kif tmexxew il-proceduri quddiemu*";

Illi ingħad wkoll b'awtorità li "*The existence of a statutory right of appeal does not deprive the High Court of its ordinary powers of quashing a tribunal's decision which is ultra vires or erroneous in law. ... Appeal and review are in principle two distinct procedures, appeal being concerned with merits and review being concerned with legality. But in practice an appellant will often wish to raise questions which strictly are questions of legality, such as violation of natural justice or some objection to the tribunal's jurisdiction. It is important that this should be freely allowed, since many cases could not be fully disposed of on appeal*"[24];

Illi, minbarra dan, l-ilmenti tal-attur fil-każ tallum huma li l-Bord naqas li jagħti raġuni għad-deċiżjoni tiegħu (huwiex hekk tabilħaqq fil-mertu hija kwestjoni oħra). Ladarba l-għoti ta' raġuni f'deċiżjoni hija llum meqjusa bħala waħda mir-regoli tal-ħaqq naturali, jiġi wkoll li l-limitazzjoni magħmula fl-artikolu 7(9) tal-Att tagħmel deċiżjoni milquta minn nuqqas bħal dak waħda sindakabbli minn din il-Qorti. Dan jingħad għaliex in-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mir-regoli tal-ħaqq naturali, fi proċeduri fejn id-drittijiet ċivili jew l-obbligi jiġu determinati, illum il-ġurnata ssarraf fi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u dan jikkostitwixxi ksur ta' jedd fundamentali, li huwa sewwasew il-każ maħsub mill-imsemmi sub-artikolu biex jagħti jedd li wieħed jikkontesta deċiżjoni tal-Bord quddim il-Qrati;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek mhix mistħoqqa u għaldaqstant mhux se' tintlaqa';

Illi jmiss li l-Qorti tistħarreġ **it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek**, dik li l-azzjoni hija ma setgħetx titressaq quddiem din il-Qorti u għalhekk irritwali billi, kif imsejsa fuq l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrativa, ir-rimedju mogħti fil-liġi huwa reviżjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux b'kawża quddiem din il-Qorti;

Illi l-Qorti fliet ir-Rikors Maħluf u ssib li, fil-qofol tiegħu, jittratta dwar ilment ta' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali min-naħa tal-Bord waqt li kien qed jisma' u jiddetermina l-appell imressaq quddiemu mill-attur. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*..minn qari akkurat tal-Kap. 490 senjatament l-Artikoli 5 u 7 b'referenza għall-Artikolu 2, jirriżulta li l-Tribunal huwa kompetenti sabiex jirrevedi atti amministrattivi tal-awtorità pubblika u mhux deċiżjonijiet ta'*

[24] Wade & Forsyth Administrative Law, (9th Edition) pp. 949 – 950

*tribunali li għandhom funzjoni kwazi-ġudizzjarja bħal ma hu l-Bord in kwistjoni. Huwa minnu li l-imsemmi Kap fl-Artikolu 3 jelenka wħud mill-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, primarjament dawk ta' smigħ xieraq li jinkludi l-prinċipju ta' nemo iudex in causa propria u dak ta' audi alteram partem, li għandhom isegwu t-tribunali amminstrattivi li huma elenkati fl-ewwel skeda tal-istess Att, fosthom il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, iżda dan ma jeskludix il-ġurisdizzjoni ġenerali inerenti fil-qrati ordinarji li jistħarrġu jekk il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ġewx imħarsa mit-tribunal jew jekk dawn aġixxewx intra vires*"[25];

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm fit-talbiet ġew ċitati dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 490, l-azzjoni tibqa' waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, u għaldaqstant l-argument tal-imħarrek ma jwassalx biex l-azzjoni titqies bħala waħda irritwali;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek ma hija tajba w mhux sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** preliminari tal-imħarrek, billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ tagħha fil-mertu. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ; u

**Tordna** lill-Avukat tal-Istat iħallas l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**8 ta' Ottubru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**8 ta' Ottubru, 2020**

[25] App Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Teshome Tesae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu et vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** u r-riferenza għall-każistika dwar dan il-punt